



Brussell, 17 ta' Mejju 2021
(OR. en)

8198/21
ADD 1

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0243(COD)

CODEC 594	COAFR 121
CADREFIN 237	COASI 65
FIN 354	CORLX 262
POLGEN 68	COHOM 86
ACP 41	ECOFIN 429
COEST 101	ASIM 28
MAMA 81	MIGR 87
DEVGEN 92	ATO 33
COLAC 32	

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jistabbilixxi l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali - Ewropa Globali, li jemenda u jħassar id-Deċiżjoni Nru 466/2014/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolament (UE) 2017/1601 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 480/2009 (l-ewwel qari) - Adozzjoni tal-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari u tad-dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill = Dikjarazzjoni

Dikjarazzjoni mill-Kunsill dwar il-governanza fir-rigward tal-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali - Ewropa Globali

Skont l-Artikolu 16 (1) TEU, il-Kunsill iwettaq funzjonijiet ta' tfassil ta' politika u ta' koordinazzjoni. Il-Kunsill jikkontribwixxi wkoll għall-qafas ta' politika ġenerali għall-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) Nru [...] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' [...] li jistabbilixxi l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali (NDICI) - Ewropa Globali kif imsemmi fl-Artikolu 7 ta' dan ir-Regolament. L-NDICI - Ewropa Globali jissimplifika l-istrumenti preċedenti 10 fi strument wieħed wiesa' u komprensiv. Dan jirrikjedi gwida strateġika miżjuda mill-Kunsill fir-rigward tal-oġġettivi u l-prijoritajiet prinċipali tal-politika tal-istrument, inkluż biex jiġu żgurati koerenza, konsistenza u

komplementarjetà aħjar ma' strumenti u politiki rilevanti oħra tal-UE biex jintlaħqu l-valuri u l-interessi tal-UE.

Filwaqt li jirrispetta l-qsim tal-kompetenzi u r-rwoli bejn l-istituzzjonijiet tal-UE, u sabiex jinforma l-gwida strateġika tiegħu, il-Kunsill beħsiebu jaqsam regolarment il-fehmiet tiegħu u jaħdem fuq l-għażliet strateġiċi globali għall-programmazzjoni, fost l-oħrajn l-allokazzjoni ta' fondi tal-pilastri ġeografiċi u tematiċi tal-istrument, kif ukoll fuq l-użu tal-pilastru tar-rispons rapidu u l-mobilizzazzjoni tar-riżerva għal sfidi u prijoritajiet li jitfaċċaw.

Dawn l-iskambji ta' fehmiet għandhom ikopru wkoll il-monitoraġġ tal-aħjar użu tar-riżorsi fir-rigward tal-miri tal-infiq, is-sospensjoni tal-assistenza esterna tal-UE taħt l-istrument, kif ukoll ir-riżultati tal-evalwazzjonijiet ġeografiċi u tematiċi.

Barra minn hekk, dawn l-iskambji ta' fehmiet għandhom ikopru kif il-finanzjament tal-Unjoni qed jintuża biex jintlaħqu l-oġettivi stabbiliti fl-istrument, fost l-oħrajn, it-tnaqqis u, fuq terminu twil, il-qerda tal-faqar, l-iżvilupp sostenibbli u l-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima, il-konsolidazzjoni, l-appoġġ u l-promozzjoni tad-demokrazija, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, u l-użu tal-mekkaniżmu ta' finanzjament flessibbli dwar il-migrazzjoni u kif l-applikazzjoni tal-ingranaġġ meħtieġ tirriżulta f'bidliet possibbli fil-finanzjament.

Il-Kummissjoni hija mistiedna tipprovdi informazzjoni rilevanti biex tiffaċilita l-iskambji ta' fehmiet mal-Kunsill u biex tiegħu kont sħiħ tal-pożizzjonijiet tal-Kunsill.

Filwaqt li l-Kunsill jipprovdi gwida strateġika u jiżgura koordinazzjoni ġenerali, ir-rappreżentanti tal-Istati Membri fil-Kumitat stabbilit mir-Regolament NDICI - Ewropa Globali ser jeżerċitaw ir-rwol tagħhom skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011. Il-Kumitat għandu jitlaqqa' f'formati differenti li jkunu inkarigati minn oqsma speċifiċi ta' intervent, bħal azzjonijiet ġeografiċi, tematiċi u ta' rispons rapidu, sabiex ikun jista' jiġi mobilizzat l-għarfien espert xieraq mill-Istati Membri. Ir-rappreżentanti tal-Istati Membri għandu jkollhom skambji regolari ta' fehmiet mal-Kummissjoni dwar il-programmazzjoni pluriennali tal-NDICI - Ewropa Globali, b'mod partikolari fir-rigward tal-pilastri ġeografiċi u tematiċi, ir-rieżamijiet ta' nofs it-terminu u r-rieżamijiet ad-hoc tal-programmi indikattivi pluriennali. Ir-rappreżentanti tal-Istati Membri jistgħu jitolbu l-eżami ta' kwistjonijiet relatati mal-implimentazzjoni tal-istrument. Il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni biex tirrifletti dwar dan ta' hawn fuq fil-proposta tagħha għar-regoli ta' proċedura tal-Kumitat.